Nru. 18,050
Prezz/Price
Lm1.76 (€4.10)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 13 ta' Marzu, 2007
Tuesday, 13th March, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 227

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,046 u 18,047 tat-8 u tad-9 ta' Marzu, 2007, rispettivament.

A.L. Nru. 40 ta' l-2007: Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460); Ordni ta' l-2007 dwar Għajnuna f'Każijiet ta' Transitu għal Raġunijiet ta' Tneħħija bl-Ajru.

A.L. Nru. 41 ta' l-2007: *Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Business (Criteria of Sound and Prudent Management) (Amendment) Regulations, 2007.*

A.L. Nru. 42 ta' l-2007: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Control of Ralstonia solanacearum (Smith) Yabuuchi et al (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.*

A.L. Nru. 43 ta' l-2007: Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika (Kap. 174); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Finanzi Ġenerali.

A.L. Nru. 44 ta' l-2007: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa u l-Insib tal-Gamiem u s-Summien).

A.L. Nru. 45 ta' l-2007: Att dwar l-Enemalta (Kap. 272); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista ta' l-Elettriku (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 46 ta' l-2007: Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Regolamenti ta' l-2007 li Jestendu l-Applikabilità ta' Disposizzjonijiet dwar Impjegati *Part-Time* għal Servizz mal-Gvern.

GOVERNMENT NOTICES

No. 227

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,046 and 18,047 of the 8th and the 9th March 2007, respectively.

L.N. No. 40 of 2007: European Union Act (Cap. 460); Assistance in the Case of Transit for the Purpose of Removal by Air Order, 2007.

L.N. No. 41 of 2007: Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Business (Criteria of Sound and Prudent Management) (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 42 of 2007: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Control of Ralstonia solanacearum (Smith) Yabuuchi et al (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.

L.N. No. 43 of 2007: Financial Administration and Audit Act (Cap. 174); General Financial Regulations (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 44 of 2007: Environment Protection Act (Cap. 435); Conservation of Wild Birds Regulations (Declaration of the periods for Hunting and Taking of Turtledove and Quail) Regulations, 2007.

L.N. No. 45 of 2007: Enemalta Act (Cap. 272); Electricity Supply (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.

L.N. No. 46 of 2007: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Extension of Applicability to Service with Government (Part-Time Employees) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 47 ta' l-2007: Att ta' l-2006 li Jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni (Att Nru. XIII ta' l-2006); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

L.N. No. 47 of 2007: Education (Amendment) Act, 2006 (Act No. XIII of 2006); Notice of coming into force.

A.L. Nru. 48 ta' l-2007: Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Involviment ta' Impjegati (Għaqda Kooperattiva Ewropea).

L.N. No. 48 of 2007: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Employee Involvement (European Co-operative Society) Regulations, 2007.

It-13 ta' Marzu, 2007

13th March, 2007

Nru. 228

No. 228

AKKWIST TA' ART

ACQUISITION OF LAND

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

It-13 ta' Marzu, 2007

(File No. L267/2006)

13th March, 2007

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Skond l-artikolu 8 (1) ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għandha tiġi eżaminata bil-ħsieb li possibbilment tiġi akkwistata għal skop pubbliku.

In terms of section 8 (1) of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) I hereby declare that the undermentioned land should be examined possibly with the intention of being acquired for a public purpose.

Deskrizzjoni ta' l-Art

Description of the Land

L-art li ġejja fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar u l-Kalkara:–

The following land in the limits of Żabbar and Kalkara:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' ċirka 44,022 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Joseph Pace, min-Nofsinhar ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Joseph Farrugia.

1. A plot of land of the area of around 44,022 square metres, bounded on the North by property of Mr Joseph Pace, on the South by a public road and on the East by property of Mr Joseph Farrugia.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq pjanta P.D. 2006_829 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

The abovementioned land is shown marked with the colour red on plan P.D. 2006_829 which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

It-23 ta' Frar, 2007

23rd February, 2007

Nru. 229

BORD GĦAS-SERVIZZI ĠENERALI
(Kap. 94)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta għoġbu jaħtar, skond Taqsima X, artikolu 44 ta' l-Ordinanza tad-Dipartiment tas-Saħħa, dan il-Membru u s-Segretarju fuq il-Bord għas-Servizzi Ġenerali sal-31 ta' Diċembru, 2007.

Membru
Is-Sur Jean De Conti Manduca

Segretarju
Ms Moira Azzopardi

It-8 ta' Marzu, 2007
MHCEFA/PS/46/97
DH 590/97

No. 229

GENERAL SERVICES BOARD
(Cap. 94)

IT is notified for general information that the President of Malta has been pleased to appoint, in terms of Section X, article 44 of the Department of Health (Constitution) Ordinance, the following Member and Secretary on the General Services Board until 31st December, 2007.

Member
Mr Jean De Conti Manduca

Secretary
Ms Moira Azzopardi

8th March, 2007

Nru. 230

MINISTERU TAL-FINANZI

Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna mogħtija mill-Istat

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 57 ta' l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji (Kap. 325), il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi ħatar lill-persuni li ġejjin fuq il-Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna mogħtija mill-Istat għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mill-1 ta' Frar 2007:-

Chairman
Is-Sur Paul Zahra BA (Hons) Bus Mngt, MBA, ACEA, AIDPM, FIS

Viċi Chairman
Is-Sur Saviour Gauci

Membri
Is-Sur Mario Farrugia
Dott. Josette Zerafa LL D, MA (Sussex), Dip NP
Dott. Jesmond Schembri LL D, M Dip

Segretarju
Dott. Yana Haber LL D

It-8 ta' Marzu 2007

No. 230

MINISTRY OF FINANCE

State Aid Monitoring Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Section 57 of the Business Promotion Act (Cap. 325), the Prime Minister and Minister of Finance has appointed the following persons to the State Aid Monitoring Board for a period of three years with effect from 1st February 2007:-

Chairman
Mr Paul Zahra BA (Hons) Bus Mngt, MBA, ACEA, AIDPM, FIS

Deputy Chairman
Mr Saviour Gauci

Members
Mr Mario Farrugia
Dr Josette Zerafa LL D, MA (Sussex), Dip NP
Dr Jesmond Schembri LL D, M Dip

Secretary
Dr Yana Haber LL D

8th March, 2007

Nru. 231

'WARRANT' MILL-VIĊI PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (2) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u/jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin
Dott. Victoria Ann Cremona
Ms Maria Calleja
Is-Sur Raymond Sarsero

Pulizija
Is-Sur Joseph Camilleri PS 73
Ms Margaret Azzopardi WPC 130
Ms Diane Cilia WPC 193
Is-Sur Neville Aquilina Supretendent
Is-Sur Mario Bonello Supretendent
Is-Sur Paul Camilleri Supretendent
Is-Sur Nicholas Ciappara Supretendent
Is-Sur Lawrence Cutajar Supretendent
Is-Sur Raymond D'Anastas Supretendent
Is-Sur Antonello Grech Supretendent
Is-Sur Bartholomeo Mula Supretendent
Is-Sur Raymond Vella Gregory Supretendent
Is-Sur Carmelo Abdilla Spettur
Is-Sur Joseph Agius Spettur
Ms Maria Stella Attard Spettur
Is-Sur Paul Bond Inspector
Is-Sur Jesmond Borg Spettur
Is-Sur Jesmond J. Borg Spettur
Is-Sur Anthony Cassar Spettur
Is-Sur Carlo Ellul Spettur
Is-Sur Kevin J. Farrugia Spettur
Is-Sur Johann J. Fenech Spettur
Is-Sur Stephen J. Gatt Spettur
Is-Sur Alexander Grech Spettur
Is-Sur Alfred Mallia Spettur
Is-Sur Ramon Mercieca Spettur
Is-Sur Francis Micallef Spettur
Is-Sur Pierre Micallef Grimaud Spettur

No. 231

WARRANT BY THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Ministry of Foreign Affairs
Dr Victoria Ann Cremona
Ms Maria Calleja
Mr Raymond Sarsero

Police
Mr Joseph Camilleri PS 73
Ms Margaret Azzopardi WPC 130
Ms Diane Cilia WPC 193
Mr Neville Aquilina Superintendent
Mr Mario Bonello Superintendent
Mr Paul Camilleri Superintendent
Mr Nicholas Ciappara Superintendent
Mr Lawrence Cutajar Superintendent
Mr Raymond D'Anastas Superintendent
Mr Antonello Grech Superintendent
Mr Bartholomeo Mula Superintendent
Mr Raymond Vella Gregory Superintendent
Mr Carmelo Abdilla Inspector
Mr Joseph Agius Inspector
Ms Maria Stella Attard Inspector
Mr Paul Bond Inspector
Mr Jesmond Borg Inspector
Mr Jesmond J. Borg Inspector
Mr Anthony Cassar Inspector
Mr Carlo Ellul Inspector
Mr Kevin J. Farrugia Inspector
Mr Johann J. Fenech Inspector
Mr Stephen J. Gatt Inspector
Mr Alexander Grech Inspector
Mr Alfred Mallia Inspector
Mr Ramon Mercieca Inspector
Mr Francis Micallef Inspector
Mr Pierre Micallef Grimaud Inspector

Is-Sur Josric Mifsud Spettur
Is-Sur Alexander Miruzzi Spettur
Is-Sur Martin Sammut Spettur
Is-Sur Therese Sciberras Spettur
Is-Sur Malcolm Spiteri Spettur
Is-Sur Walter Spiteri Spetturor
Is-Sur Mario Tonna Spettur
Ms Carmen Parnis WPC 151

Mr Josric Mifsud Inspector
Mr Alexander Miruzzi Inspector
Mr. Martin Sammut Inspector
Ms Therese Sciberras Inspector
Mr Malcolm Spiteri Inspector
Mr.Walter Spiteri Inspector
Mr Mario Tonna Inspector
Ms Carmen Parnis WPC 151

B'Awtorità

TONIO BORG
Viċi Prim Ministru u
Ministru għall-Ġustizzja
u l-Intern

By Authority

TONIO BORG
Deputy Prime Minister and
Minister of Justice and
Home Affairs

It-13 ta' Marzu, 2007
(MJHA/144/2003/V)

13th March, 2007

Nru. 232

BORD TAL-KOPERATTIVI
ATT DWAR SOĊJETAJIET
KOPERATTIVI
(Kap. 442)

Ħatra tal-Bord tal-Koperattivi

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa ta' Artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Għaqdiet Koperattivi, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Żgħażagħ u Impjiegi irrikostitwixxa l-Bord tal-Koperattivi kif jidher hawn taħt:

Chairperson
Is-Sur Mario Falzon, M.B.A, Dip. L.S., M.I.M.

Membri
Ms Caryl Cassar, Dip. S.S., I.D.C.S.
Dott. Nichola S. Bonanno, B.A. (Hons.) (Econ), M.A. (Yale), Ph.D.
Is-Sur Rolan Micallef Attard, F.I.A., C.P.A., A.I.M.I.S., M.B.A (eBUSINESS)
Is-Sur Tony Muscat, Dip. Pol. Stud.

Segretarju
Is-Sur Emanuel Zahra, M.B.A. Dip. Lab. Stud., Dip. Adult Training & Dev., Dip. Pol. Stud., M.I. Mech. I.E.

Dawn il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2007.

It-13 ta' Marzu, 2007

No. 232

CO-OPERATIVES BOARD
CO-OPERATIVES SOCIETIES ACT,
ACT NO. XXX OF 2001
(CAP. 442)

Appointment of Co-operatives Board

IT is hereby notified that, in terms of section 4 of the Co-operative Societies Act, the Minister of Education Youth and Employment has reconstituted the Co-operatives Board as indicated hereunder:

Chairperson
Mr Mario Falzon, M.B.A, Dip. L.S., M.I.M.

Members
Ms Caryl Cassar, Dip. S.S., I.D.C.S.
Dr Nichola S. Bonanno, B.A. (Hons.) (Econ), M.A. (Yale), Ph.D.
Mr Rolan Micallef Attard, F.I.A., C.P.A., A.I.M.I.S., M.B.A (eBUSINESS)
Mr Tony Muscat, Dip. Pol. Stud.

Secretary
Mr Emanuel Zahra, M.B.A. Dip. Lab. Stud., Dip. Adult Training & Dev., Dip. Pol. Stud., M.I. Mech. I.E.

The above mentioned appointments are for a period of two years with effect from the 1st January, 2007

13th March 2007

Nru. 233

ATT DWAR L-GĦAJNUNA FINANZJARJA LILL-INDUSTRIJI TAL-BIEDJA U TAS-SAJD (KAP.146)

Applikazzjonijiet għall-Għajnuna skond ir-Regolamenti ta' l-Aġenzija tal-Pagamenti, 2004

GĦALL-FINIJIET ta' punt 5 (4) ta' l-Anness 2 tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Aġenzija tal-Pagamenti, ippubblikati fl-Avviż Legali 126 ta' l-2004, ngħarrfu b'din illi n-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri 185 u 319 ta' l-2006 m'għadhomx japplikaw, u għalhekk din in-Notifikazzjoni odjerna qed tistipula r-regolamenti għall-Iskema ta' Applikazzjoni Waħda għas-sena kurrenti 2007.

2. L-Iskema ta' Applikazzjoni Waħda tfisser l-applikazzjoni għall-pagamenti diretti li għandhom x'jaqsmu ma' l-iskema ta' ħlas wieħed u skemi oħra għall-għajnuna relatata ma' żoni.

3. L-applikazzjoni għal għajnuna waħda tinkludi s-sistema ta' pagament wieħed, l-applikazzjonijiet għal dan ta' miżuri apposta għall-bdiewa li jaħdmu *full-time*, għajnuna għall-ipproċessar tat-tadam, għajnuna addizzjonali għall-patata, żoni żvantaġġati u implimentazzjoni ta' miżuri agro-ambjentali.

4. Il-bidwi għandu jippreżenta l-applikazzjoni fis-sena 2007 la darba tkun l-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' l-iskema ta' ħlas wieħed, inkella l-awtorità kompetenti ma tallokax kemm ikunu intitolat fis-snin ta' wara. Taħt l-iskema ta' ħlas wieħed il-bidwi jkun obbligat li jiddikjara kull art, imbagħad jista' jirċievi dak li jkun intitolat għalih, li l-*unit value* tagħhom hu kkalkulat billi jiġi diviż il-limitu nazzjonali man-numru ta' ettari eliġibbli skond it-tifsira ta' l-artikoli 44(2) jew 71(g) tar-Regolamenti tal-Kunsill 1782/2003. Il-valur ta' dak li jkun intitolat għalih għandu jiġu kkalkolat wara li jiġi kkunsidrat it-tieni paragrafu tal-punt 7 ta' din in-Notifkazzjoni u d-dispożizzjoni msemmija fl-artikolu 71(d) tar-Regolament tal-Kunsill 1782/2003.

5. Il-limitu nazzjonali huwa dak elenkat fl-Anness VIII (a) fir-Regolament tal-Kunsill 1782/2003.

6. Il-bdiewa għandhom jiddikjaraw *parcels* li jikkorrispondu ma' l-ettari eliġibbli akkumpanjati ma' kull ħlas li jkun intitolat għalih. Minbarra f'*force majeure* jew ċirkostanzi eċċezzjonali, dawn il-*parcels* għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa għal perjodu ta' mhux inqas minn 10 xhur, li jibda mill-1 ta' Frar 2007. Madanakollu, il-bidwi jista' jagħżel li jibda dan il-perjodu mill-1 ta' Ottubru, 2006.

7. In-numru ta' dak li jkun intitolat għalih kull bidwi

No. 233

AGRICULTURE AND FISHERIES INDUSTRIES (FINANCIAL ASSISTANCE) ACT (CAP. 146)

Aid Applications in terms of the Paying Agency Regulations, 2004

FOR the purposes of point 5 (4) of Annex 2 to the Paying Agency Regulations, 2004, published by Legal Notice 126 of 2004, it is hereby declared that Government Notices Nos. 185 and 319 of 2006 shall no longer apply, and that this present Notice sets out the regulations for the Single Application for the current year 2007.

2. Single application shall mean the application for direct payments in respect of the single payment scheme and other area related aid schemes.

3. The single aid application includes the single payment system, the application for ad hoc measures for full-time farmers, aid for tomatoes for processing, additional aid for potatoes, less favoured area and implementation of agri-environmental measures.

4. The farmer shall lodge the application within the year 2007 since it is the first year of application of the single payment scheme, otherwise the competent authority shall not allocate the entitlements in the following years. Under the single payment scheme a farmer is obliged to declare all land and shall then receive entitlements, whose unit value is calculated by dividing the national ceiling by the number of eligible hectares within the meaning of articles 44(2) or 71(g) of Council Regulation 1782/2003. The value of these entitlements shall be calculated after taking into consideration the second paragraph of point 7 of this Notice and the provision mentioned in article 71(d)(1) of Council Regulation 1782/2003.

5. The national ceiling is that listed in Annex VIII (a) of Council Regulation 1782/2003.

6. The farmers shall declare the parcels corresponding to the eligible hectare accompanying any payment entitlement. Except in *force majeure* or exceptional circumstances, these parcels shall be at the farmers' disposal for a period of at least 10 months, starting from 1st February of 2007. However, the farmer may choose to start this period from 1st October, 2006.

7. The number of entitlements per farmer shall be equal to the number of hectares the farmer declares in accordance with

għandu jkun ugwali għan-numru ta' ettari li l-bidwi jiddikjara skond it-tifsira stipulata fl-artikolu 44(2) jew 71(g) tar-Regolament tal-Kunsill 1782/2003.

Għaldaqstant, bidwi li kienu ngħatawlu l-pagamenti li hemm riferenza għalihom fl-artikolu 47 tar-regolamenti msemmija hawn fuq, jew li kien qed jaġixxi fis-settur li hemm riferenza għalih fl-istess artikolu u jirċievi dritt ta' pagamenti skond l-artikolu 71(d) ta' l-istess regolamenti l għalihom ma jkollux ettari eliġibbli skond it-tifsira ta' l-artikolu 44(2) fl-ewwel sena ta' l-implimentazzjoni ta' l-iskema ta' ħlas wieħed, għandu jiġi awtorizzat mill-awtorità kompetenti biex jagħmel deroga mill-obbligazzjoni li jipprovdi numru ta' ettari eliġibbli ekwivalenti man-numru ta' dak li jkun intitolat għalih.

8. L-applikazzjoni għall-għajnuna waħda għandha tintbagħat mill-bidwi fil-perjodu li jibda mill-15 ta' Marzu 2007 sal-15 ta' Mejju 2007.

9. L-applikazzjonijiet li jintbagħtu wara l-15 ta' Mejju 2007 għandhom jiġu kkunsidrati bħala applikazzjonijiet li waslu tard u dawn l-applikazzjonijiet jiġu ttrattati sad-9 ta' Ġunju 2007. Rigward applikazzjonijiet li jaslu tard għall-iskema ta' ħlas wieħed għandhom jitnaqqsu 4% mill-ammonti li jiġu mħallsa rigward il-ħlas li jkun intitolat għalih li jiġi allokat lill-bidwi. Minkejja dan, għall-miżuri l-oħra, jitnaqqas 1% kull ġurnata ta' xogħol mill-ammonti li l-bidwi seta' kien intitolat għalihom li kieku ppreżenta l-applikazzjoni fil-perjodu stabbilit.

10. Wara li jiskadi l-perjodu stipulat biex tintbagħat l-applikazzjoni waħda, *parcels* agrikoli individwali, skond il-każ, akkumpanjati b'dak li jkun intitolat relatat għalih, li ma jkunux għadhom ġew dikjarati fl-applikazzjoni waħda għall-fini ta' kull waħda mill-skemi ta' għajnuna relatati ma' żoni, jistgħu jiġu miżjuda ma' l-applikazzjoni waħda sakemm ir-rekwiżiti taħt l-iskemi ta' għajnuna relatati jiġu rispettati. Dawn l-emendi għandhom jiġu notifikati bil-miktub lill-awtorità kompetenti sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2007.

11. Bidwi li jirċievi pagamenti diretti rigward l-iskema ta' pagamenti wieħed ikun obbligat li jirrispetta r-rekwiżiti statutorju tal-ġestjoni li hemm riferenza għalihom fl-Anness III u l-Kundizzjoni Agrikola u Ambjentali Tajba (GAEC) li hemm riferenza għaliha fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill 1782/2003.

12. Bidwi li jirċievi l-LFA u Għajnuna Agro-Ambjentali hu obbligat li jżomm kull art agrikola f'Kundizzjoni Agrikola u Ambjentali Tajba, fuq il-bażi ta' l-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru. 1782/2003 u li jimxi skond il-Kodiċi ta' Prattika ta' Biedja Għaqlija (CoGAP).

the definition set out in article 44(2) or 71(g) of Council Regulation 1782/2003.

However, a farmer who was granted payments referred to in article 47 of the above mentioned regulation, or who was acting in the sector referred to in that article and receives payment entitlements in accordance with article 71 (d) of the same regulation for which he does not have eligible hectares within the meaning of article 44(2) in the first year of implementation of the single payment scheme, shall be authorized by the competent authority to derogate from the obligation to provide a number of eligible hectares equivalent to the number of entitlements.

8. The single aid application shall be submitted by the farmer within the period starting 15 March 2007 till 15 May 2007.

9. Applications submitted after 15 May 2007 shall be considered as late applications and such applications will be treated till the 9th June 2007. With regard to late applications for the single payment scheme 4% shall be deducted from the amounts to be paid in respect of the payment entitlement to be allocated to the farmer. However, for the other measures a 1% reduction per working day of the amounts to which the farmer would have been entitled if the application had been lodged within the time limit.

10. After the expiry of the time limit for the submission of the single application, individual agricultural parcels, as the case may be, accompanied by the corresponding payment entitlements, not yet declared in the single application for the purpose of any of the area-related aid schemes, may be added in the single application provided that the requirements under the aid schemes concerned are respected. These amendments shall be notified to the competent authority in writing by not later than the 31 May 2007.

11. A farmer receiving direct payments in respect of the single payment scheme is obliged to respect the statutory management requirements referred to in Annex III and the Good Agricultural and Environmental Condition (GAEC) referred to Annex IV of Council Regulation 1782/2003.

12. A farmer receiving LFA and Agri-Environmental Aid is obliged to maintain all agricultural land in Good Agricultural and Environmental Condition (GAEC), on the basis of Annex IV of Council Regulation (EC) No. 1782/2003, and also comply with the Code of Good Agricultural Practices (COGAP).

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 19

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Raħal il-Ġdid

Nhar is-Sibt, is-17 ta' Marzu 2007 mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza De Paule, Ħal Saflieni, iċ-Ċimiterju, Santa Ubaldeska u Ninu Cremona.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-13 ta' Marzu, 2007

POLICE NOTICE

Nru. 19

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Paola

On Saturday, 17th March 2007 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza De Paule, Ħal Saflieni, iċ-Ċimiterju, Santa Ubaldeska and Ninu Cremona.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

13th March, 2007

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA
(KAP. 464)

Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina

Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina

Nominazzjoni ta' Kandidati

Ngħarrfu b'dan illi nominazzjonijiet ta' kandidati biex jimtlew vakanzi ta' seba' persuni mill-professjonijiet regolati mill-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina, bħala membri tal-Kunsill hawn fuq imsemmi skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 26 (1) (ċ) ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, jintlaqgħu mir-Reġistratur tal-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina, fl-Uffiċċju tal-K.P.K.M., 181, Triq Melita, Valletta, nhar it-Tlieta, 20 ta' Marzu u nhar l-Erbgħa, 21 ta' Marzu, 2007, bejn it-8.00 a.m. u t-3.00 p.m.

Il-formoli tan-nominazzjoni għall-kandidati jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju msemmi hawn fuq f'Malta u mill-Isptar Ġenerali f'Għawdex jew minn www.sahha.gov.mt. Aktar informazzjoni jista' jinkiseb mingħandir-Reġistratur tal-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina, tel: 2125 5540.

Gillian Mifsud
Paul Spiteri
Nicolette Zammit Lupi

Kummissjoni għall-Elezzjoni
tal-Kunsill tal-Professjonijiet
Kumplimentari għall-Mediċina

It-13 ta' Marzu, 2007

HEALTH CARE PROFESSIONS ACT
(CAP. 464)

Council for the Professions Complementary to Medicine

Council for the Professions Complementary to Medicine (Elections) Regulations, 2004

Nomination of Candidates

It is hereby notified that nomination of candidates to fill seven vacancies from amongst the professions regulated by the Council for the Professions Complementary to Medicine, as members of the aforementioned Council in accordance with the provisions of Article 26 (1) (c) of the Health Care Professions Complementary to Medicine at the C.P.C.M. Office, 181, Triq Melita, Valletta, on Tuesday, 20th March and Wednesday, 21st March 2007 between 8.00 a.m. and 3.00 p.m.

Nomination forms for candidates are obtainable from the aobve mentioned office in Malta and from Gozo General Hospital or from www.sahha.gov.mt Further information may be obtained from the Registrar of the Council for the Professions Complementary to Medicine on tel: 2125 5540.

Gillian Mifsud
Paul Spiteri
Nicolette Zammit Lupi

Council for the Professions
Complementary to Medicine
Election Commissioners

13th March, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti għall-postijiet ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* għandu salarju ta' Lm6,526 (€15,201.49) fis-sena li jiżdied b'Lm209 (€486.84) fis-sena sa massimu ta' Lm7,780 (€18122.52) (Skala ta' Salarju 8).

3.1. Il-ħatra ta' *Senior House Officer* tkun fuq bażi ta' kuntratt definit ta' erba' snin, bi prova għal sena, u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa u persuna tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtiega tipprovdi servizz residenti *on call* skond *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol il-fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-Union kompetenti.

4. Il-persuna nominata li waqt il-perjodu tal-kuntratt tikseb xi kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità tiġi kkunsidrata għan-nomina ta' *Senior House Officer* fuq bażi permanenti, bil-kundizzjoni li tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, u taqla salarju ta' Lm6,948 (€16,184.49) x Lm228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07) fis-sena (skala ta' salarju 7).

5. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

6. Il-persuna nominata tkun meħtiega li taħdem fid-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior House Officer in the Accident and Emergency Department in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified Medical Practitioners for the posts of Senior House Officer in the Accident and Emergency Department in the Health Division.

2. The post of Senior House Officer in the Accident and Emergency Department carries a salary of Lm6,526 (€15,201.49) per annum rising by annual increments of Lm209 (€486.84) up to a maximum of Lm7,780 (€18,122.52) (Salary Scale 8).

3.1. The appointment of a Senior House Officer shall be on the basis of a four year contract, subject to a probationary period of one year, and subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division and it involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in access of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee who obtains an approved postgraduate qualification in the speciality during the contract period will, subject to satisfactory performance, be considered for appointment as Senior House Officer on a permanent basis and shall be placed on a salary of Lm6,948 (€16,184.49) x Lm228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07) per annum (salary scale 7).

5. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of workġ and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

6. The appointee will be required to work in the Accident

Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

7.1. Il-post ta' *Senior House Officer* jifforma parti integrali tal-programm ta' taħriġ mediku fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* u huwa adatt għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fl-istess Dipartiment. Il-persuna nominata tkun meħtieġa tieħu sehem fi programm ta' taħriġ strutturat li jkun determinat miċ-*Chairman* tad-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* u li jieħu ħsieb il-ħtiġiet tat-taħriġ mediku tas-*Senior House Officer*, kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Hi tkun meħtieġa li tieħu sehem fl-attivitajiet akkademiċi u f'laqgħat tad-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* inkluż riċerka u verifika. It-taħriġ kontinwu tagħha jiddependi minn rapporti sodisfaċenti fuqha mingħand kumitat kompost miċ-*Chairman* ta' l-*Accident and Emergency* u żewġ Konsulenti. Waqt dan il-kuntratt il-persuna nominata trid tkun f'qagħda li tista toqgħod għal l-eżami tal-AFRCS/FRCS fl-*Accident and Emergency Medicine and Surgery* jew għal kwalifika oħra komparabbli xierqa. Aktar taħriġ skond l-esiġenzi tas-Servizz, ikun jinkludi ħidma f'dipartimenti kliniċi oħra inkluż Oftalmija u *ENT*.

7.2. Is-*Senior House Officer* jifforma parti mid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* u l-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-konsulenti u *Chairman* tad-Dipartiment.

7.3. Il-persuna nominata hija mistennija li tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *House Officer* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Hija trid tkun kapaċi tagħmel dijanjosi ta' każi fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* aktar komplikati u timmaniġġhom u trid tiżviluppa l-ħila tagħha fl-istess Dipartiment. Hija tkun responsabbli direttament lejn il-konsulent inkarigat mill-pazjenti. Id-dmirijiet u responsabbiltajiet ewlenin tal-post huma kif gej:

a) maniġġjar ta' pazjenti morda gravi u ta' dawk li jweġġgħu serjament fil-fażi immedjat tagħhom, u twettiq ta' proċeduri ta' rutina li jsiru fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* (per eżempju *airway and ventilatory support, cardioversion, reductions* eċċ);

b) dħul u *discharge* ta' pazjenti jekk hi tkun konfidenti mid-dijanjosi u maniġġjar tal-każijiet. Żamma ta' kuntatt ma kollegi anzjani fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* u fi speċjalitajiet oħra kif ikun xieraq fil-qagħda klinika tal-pazjenti;

ċ) superviżjoni ta' xogħol kliniku fid-Dipartiment tal-*Accident and Emergency*;

d) żamma ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti;

and Emergency Department in the Health Division.

7.1. The post of Senior House Officer forms an integral part of the basic medical training programme of the Accident and Emergency Department and is suitable for candidates wishing to pursue a career in the same Department. The appointee will be required to participate in a structured training programme to be determined by the Chairman of the Accident and Emergency Department and which will take into account both the Senior House Officer's basic medical training requirements as well as the exigencies of the service. He/She will be required to participate in the academic activities and meetings of the Accident and Emergency Department including research and auditing. His/Her continued training will depend on the satisfactory reports from a Committee composed of the Chairman of the Accident and Emergency Department and two other Consultants. During his/her contract, the appointee should be in a position to sit for the AFRCS/FRCS examination in Accident and Emergency Medicine and Surgery, or other appropriate comparable qualification. Further training will depending on the exigencies of the service, include attachment to other clinical departments including Ophthalmology and ENT.

7.2. The Senior House Officer forms part of the Accident and Emergency Department and the appointee will be responsible to the consultants and Chairman of the Department.

7.3. The appointee is expected to continue with the duties of the House Officer but at a higher level of responsibility. He/She should be able to diagnose and manage more complicated medical problems and should develop his/her clinical skills. He/She will be directly answerable to the consultant in charge of the patients. The principal duties and responsibilities of the post are as follows:

a) management of the acutely ill and seriously injured patients in the immediate phase and performance of procedures that are routinely carried out in the Accident and Emergency Department (e.g. airway and ventilatory support, cardioversion, reductions etc.);

b) admission or discharge of patients if he/she is confident of the diagnosis and management of the cases. Liaison with senior colleagues in the Accident and Emergency Department and in the other specialities as appropriate to the clinical situation;

c) supervision of clinical work in the Accident and Emergency Department;

d) liaison with patients' relatives;

e) assigurazzjoni li r-rekords tal-pazjenti jkunu preċiżi, aġġornati u li jinqraw;

f) provvediment ta' servizzi residenzjali *on call* kif meħtieġ;

g) xogħol minflok kollegi f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew *leave* ieħor;

h) żamma ta' kuntatt mal-kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni adekwata u kontinwità ta' kura tal-pazjent. Hija trid iżżomm kuntatt mill-qrib ma' nfermiera, ma' ħaddiema professjonali u tekniċi kif ukoll ma' dipartimenti oħra biex tassigura li l-informazzjoni meħtiega għall-kura tal-pazjent u l-investigazzjonijiet meħtieġa jkunu mifhuma sewwa;

i) obbligu li tkun preżenti, taħt cirkostanzi eċċezzjonali, għax-xogħol barra mill-ħin normali tar-*roster* tagħha meta dan ikun essenzjali għall-kontinwità tal-kura tal-pazjent.

j) użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

8. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta,

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' L-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

e) ensuring that records of patients are accurate, up to date and legible;

f) provision of resident on-call services as required;

g) provision of cover for colleagues in an emergency or when on vacation or other leave;

h) liaison with colleagues who are on duty immediately before and after himself/herself to ensure adequate communication and continuity of patient care. He/She must liaise closely with nursing, professional and technical staff and other departments to ensure that necessary information on patient care and investigations required are fully understood;

i) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care.

j) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

8. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Inġliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form'GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

8.1. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza ta' *Continued Medical Education* u ta' riċerka.

9. Applikazzjonijiet jintlaqgħu ukoll minn kandidati li ma jkollhomx il-Liċenza msemmija f'paragrafu 8(ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija Liċenza sal-15 ta' Ottubru 2007. Jekk jintgħażlu, dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija Liċenza qabel ma jingħataw il-ħatra.

10.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

11.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government Service giving details).

8.1. Due consideration will be given to applicants who possess evidence of Continued Medical Education and Research.

9. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of the Licence mentioned in paragraph 8(c) above provided they produce evidence that they would qualify for such a Licence by 15th October 2007. If selected such candidates must obtain the said Licence before appointment.

10.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

10.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

11.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and\or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

11.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on

komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tintthemeż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibgħatu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

12.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

12.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

12.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-media lokali.

12.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-publikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

13. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana

15. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mil-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' April 2007.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' April 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill- applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-

12.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

12.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

12.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

f'każi mhux kumplikati, u li turi ħila kbira fil-*Cardiopulmonary Resuscitation* u fil-Kura Intensiva. Hi mistennija li tieħu parti fl-attivitajiet ta' taħriġ tad-Dipartiment ta' l-Anestesija u għandha tkun f'qagħda li toqgħod għall-ewwel parti ta' l-eżami ta' grad ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-Anestesija, bħall-*European Diploma in Anaesthesia* (EDA) li tikkonsisti f'żewġ partijiet.

7.3. Wara tmintax-il xahar tal-kuntratt tagħha, il-persuna nominata tkun mistennija li tagħmel *Theatre Lists* waħedha skond il-ħila tagħha kif tkun imqabbda miċ-*Chairman* tad-Dipartiment ta' l-Anestesija.

7.4. Wara sentejn tal-kuntratt tagħha, il-persuna nominata tkun mistennija li tagħmel *theatre lists* u li tagħżel xi interess speċjali f'*subspeciality* ta' l-Anestesija. Hi trid tkun imħejjija biex tersaq għall-eżami finali ta' grad ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-Anestesija, jiġifieri, l-eżami tal-Part II tal-*European Diploma in Anaesthesia* (EDA) jew l-eżami tal-Part II tal-*Fellowship of the Royal College of Anaesthetists ot the United Kingdom* (F.R.C.A.). Matul dawn is-sentejn msemmija hawn fuq, il-persuna nominata trid iżomm bid-dettall in-numru ta' każi li tat il-loppju u fejn tgħid x'teknika partikulari kienet użat u għaliex.

7.5. Jekk fit-tmiem tal-perjodu msemmi f'paragrafu 7.4, il-persuna nominata ma tgħaddix mill-eżami tal-*Part* I tal-*European Diploma in Anaesthesia* (EDA) jew dak tal-*Fellowship of the Royal College of Anaesthetists of the United Kingdom* (F.R.C.A.) iż-żmien sa kemm hi tkun tista' tersaq għal dawn l-eżamijiet jiġi mtawwal sa sitta u tletin xahar.

7.6. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

8. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta,

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea,

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'kaz ta' diffikulta l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE),

JEW

of balanced anaesthesia in uncomplicated cases, Cardio Pulmonary Resuscitation and Intensive Care skills. He/She will be required to participate in the teaching activities of the Department of Anaesthesia. He/She should be in a position to sit for Part I Examination of a higher postgraduate degree in Anaesthesia, such as the European Diploma in Anaesthesia (EDA) which consists of two Parts.

7.3. At the end of eighteen months of his/her contract, the appointee will be expected to perform theatre lists on his/her own as assigned to him/her by the Chairman of the Department of Anaesthesia in accordance with his/her aptitude and skills

7.4. At the end of twenty-four months of his/her contract, the appointee will be expected to perform theatre lists and to choose a special interest in an Anaesthetic subspeciality. He/She should be prepared to proceed for the final Examination of a higher postgraduate degree in Anaesthesia that is, Part II examination of the European Diploma in Anaesthesia (E.D.A.) or Part II examination of the Fellowship of the Royal College of Anaesthetists of the United Kingdom (F.R.C.A.). Throughout the above-mentioned twenty-four month period, the appointee should keep a detailed account of the number of cases anaesthesised by him/her indicating briefly the anaesthetic technique used and the reason for choosing that particular technique.

7.5. If at the end of the period mentioned in paragraph 7.4. the appointee fails to pass the Part I examination of the European Diploma in Anaesthesia (EDA) or of the Fellowship of the Royal College of Anaesthetists of the United Kingdom (F.R.C.A.) the time scale for attempting such examinations would be extended to thirty-six months.

7.6. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

8. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża,

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta,

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

8.1. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza ta' *Continued Medical Education* u ta' riċerka.

9. Applikazzjonijiet jintlaqgħu ukoll minn kandidati li ma jkollhomx il-Liċenza msemmija f'paragrafu 8(ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija Liċenza sal-15 ta' Ottubru 2007. Jekk jintgħażlu, dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija Liċenza qabel ma jingħataw il-ħatra.

10.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government Service giving details).

8.1. Due consideration will be given to applicants who possess evidence of Continued Medical Education and Research.

9. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of the Licence mentioned in paragraph 8(c) above provided they produce evidence that they would qualify for such a Licence by 15th October 2007. If selected such candidates must obtain the said Licence before appointment.

10.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act,(Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

10.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

11.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbilità ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

12.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

12.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

12.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviżfil-*media* lokali.

12.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-publikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

13. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

15. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' April 2007.

11.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

11.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

12.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

12.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

12.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

12.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

13. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

14. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana

15. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Thursday, 5th April 2007.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' April 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

17. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Divizjoni. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-13 ta' Marzu, 2007

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Thursday, 5th April 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

17. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

13th March, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Spiżjar fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Spiżjar fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1 Is-salarju ta' Spiżjar huwa ta' Lm6,135 (€14290.71) fis-sena li jiżdied b'Lm192 (€447.24) fis-sena sa massimu ta' Lm7,287 (€16974.14) (Skala ta' Salarju 9).

2.2 Persuna fil-grad ta' Spiżjar titla' fi Skala 8 (Lm6,526 (€15201.49) x Lm209 (€486.84) – Lm7,780 (€18122.53) wara tmien snin ta' servizz sodisfaċenti fil-grad. It-tmien snin jitnaqqsu għal sitta jekk il-persuna jkollha xi kwalifika adatta ta' wara l-gradwazzjoni.

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time*, u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, kif ukoll fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent b'mod partikulari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2 Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern Malti u l-*Union* kompetenti.

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Spiżjar jinkludu:

(a) li tieħu sehem fil-proċeduri kollha li għandhom

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Pharmacist within the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the posts of Pharmacist in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1 The salary for the post of Pharmacist is Lm6,135 (€14,290.71) per annum rising by annual increments of Lm192 (€447.24) up to a maximum of Lm7,287 (€16,974.14) (Salary Scale 9).

2.2 A Pharmacist will progress to Scale 8 (Lm6,526 (€15,201.49) x Lm209 (€486.84) – Lm7,780 (€18,122.53) on completion of eight years service in the grade, subject to satisfactory performance, provided that the eight years service requirement is reduced to six years if in possession of an appropriate postgraduate qualification.

3.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Ministry for Rural Affairs and the Environment in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Maltese Government and the competent Union.

4.1 The duties of a Pharmacist include:-

(a) participation in all procedures relating to purchase,

x'jaqsmu max-xiri, ħażna, tqassim u kontroll ta' mediċini, makkinarju mediku u prodotti relatati;

(b) l-analiżi ta' ħamrija, ġwież, ilma għat-tisqija u materjal tax-xtieli għal skopijiet ta' riċerka;

(ċ) li tieħu sehem f'materji relatati ma' kontrolli ta' importazzjoni/esportazzjoni ta' mediċina;

(d) li tkun involuta fl-ispezzjonar ta' produtturi u ta' bejjiegħa bl-ingrossa ta' prodotti mediċinali;

(e) li tieħu sehem fil-proċeduri kollha li għandhom x'jaqsmu ma' liċenzar ta' mediċina prodotti f'Malta, din l-parteċipazzjoni tinkludi wkoll konsultazzjoni biex jinkisbu *standards* meħtieġa biex jinħarġu ċ-ċertifikati tal-GMP;

(f) li tieħu sehem biex jiġu stabbiliti proċeduri *standard* għall-analiżi ta' traċċi farmaċewtiċi;

(g) li tieħu sehem fl-abbozzar ta' liġijiet relatati mas-setturi hawn fuq imsemmija;

(h) li tieħu sehem f'azzjonijiet legali/dixxiplinarji relatati ma' l-oqsma hawn fuq imsemmija.

4.2 Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, Taqsima tar-Riżorsi Umani, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, sad-data ta' l-għeluq ta' meta jintlaqgħu l-applikazzjonijiet.

5. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta, jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea, jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'kaz ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE), jew

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond legiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u legiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

(ċ) ikollhom il-*Warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Spiżjara f'Malta;

(d) ikunu rreġistrati bħala Spiżjara fuq ir-Reġistru tal-Kunsill tal-Farmaċija;

medicinal-storage, distribution and control of medicines, medical equipment and related products;

(b) analysis of soil, feeding stuffs, irrigation water and plant material for research purposes;

(c) involvement in matters relating to importation/exportation of medicine controls;

(d) involvement in inspections of manufacturers and wholesale dealers of medicinal products;

(e) participation in all procedures pertaining to licensing of local medicine manufacturing, inclusive of consultation to attain the required standards for the issue of Good Management Practice (GMP) certificates;

(f) participation in the establishing of standard procedures for the analysis of Pharmaceuticals' residues;

(g) participation in drafting law and legal notices relating to all the above-mentioned areas;

(h) involvement in disciplinary/legal action with regards to all above-mentioned areas.

4.2 A detailed job description in respect of Pharmacist will be available at the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, Human Resources Section, 14, M.A. Vassalli Street, Valletta up to the closing date fixed for the receipt of applications.

5. Applicants must be:-

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union member state; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs;

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) in possession of a Warrant to practice as Pharmacist in Malta;

(d) be registered as Pharmacist on the Register of the Pharmacy Council (Malta);

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbilità ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

8.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-*

(e) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Malta Government Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for the post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligible requirements and why reasoned consideration are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

7.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1 Eligible applicants will be requested to attend for an interview by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board

board ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

8.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviżfil-*media* lokali.

8.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf jew jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent, Taqsima tar-Riżorsi Umani, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent, f'14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' April 2007.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' April 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi huma +356 2299 1162.

13. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn għand id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-13 ta' Marzu, 2007

of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Service, Ministry for Rural Affairs and the Environment.

8.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organizations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the publication of the notice in the Government Gazette.

9. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, Human Resources Section, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

11. Applications, together with *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, at 14, M.A. Vassalli Street Valletta by not later than noon of Thursday, 5th April 2007.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Thursday, 5th April 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 2299 1162.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment, within seven (7) days.

13th March, 2007

AWTORITA' TA' L-ISTATISTIKA TA' MALTA

Post ta' Statistiku fl-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika

L-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta tgħarraf li tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Statistiku fl-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.

2. Ir-remunerazzjoni għall-post ta' Statistiku tinkludi salarju ta' Lm6,540 (€15,234.10) p.a. li jiżdied b'ammont ta' Lm230 (€535.76) kull sena sa massimu ta' Lm7,920 (€18,448.64) p.a. flimkien ma benefiċċji oħra.

3. Din in-nomina, li tkun soġġetta għal żmien bi prova ta' sena, hija fuq bażi *full-time* b' kuntratt ta' tliet snin, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra, u soġġetta għar-regoli u regolamenti li jiggvernaw minn żmien għal żmien l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' Statistiku jinkludu:

it-tfassil ta' metodi u proċeduri biex tinġabar data statistika permezz ta' *surveys*, esperimenti u kwestjonarji;

l-użu ta' teknika statistika u mudelli statistiċi biex isiru stimi, tbassir u analiżi;

il-kumpilazzjoni ta' rapporti statistiċi u analitiċi;

xogħol ta' riċerka f'materji ta' natura statistika u żviluppi internazzjonali fil-metodoloġiji ta' l-istatistika.

5. L-applikanti għandhom:

a)

i. ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

ii. ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

iii. ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-U.E. għall- moviment ħieles ta' persuni;

(f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

iv. l-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni imsemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti.

Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

MALTA STATISTICS AUTHORITY

Post of Statistician at the National Statistics Office

The Malta Statistics Authority invites applications for the filling of posts of Statistician at the National Statistics Office.

2. The remuneration for the post of Statistician includes a salary of Lm6,540 (€15,234.10) p.a. rising by annual increments of Lm230 (€535.76) up to a maximum of Lm7,920 (€18,448.64), together with other benefits.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and on a three-year contract which may be renewed for further periods. The appointment is subject to the rules and regulations governing from time to time employment with the Malta Statistics Authority.

4. The duties of a Statistician include:

the design of methods and procedures for obtaining data through surveys, experiments and questionnaires;

the use of statistical techniques and models for estimation, forecasting and analysis;

the compilation of statistical and analytical reports;

the undertaking of research into statistical issues and international statistical methodological developments.

5. Applicants must:

a)

(i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply;

(in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation.

This should be determined with the advice of the Director, Department of Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Justice and Home Affairs.

Il-hatra ta" kandidati li hemm riferenza għaliha f'(ii), (iii) u (iv) aktar qabel tkun tinħtieġ li tinħareġ liċenza ta" l-impieg kif meħtieġ fl-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) ikunu gradwati ta' l-anqas bi grad *Honours* fl-iStatistika, fl-Ekonomija, fil-Matematika, fis-Soċjoloġija, fl-*Accountancy*, fil-*Banking* jew fil-Finanzi bi klassifikazzjoni *Second Class Lower* bħala minimu.

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb. Għandu jiġi ppreżentat ċrtifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorita' kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (xhur) qabel id-data ta' din is-sejħa. Impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jistgħu japplikaw iżda ikunu jridu jirreżinjaw jekk jintgħażlu għal din il-pożizzjoni.

e) jagħtu prova tal-kompetenza tagħhom fl-użu tal-kompjuter.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-Management and Personnel Office.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-aġent Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta CMR 02 u tkun ikkupjata lill-KNPD, sad-data ta' l-għeluq.

7. Applikazzjonijiet *handwritten* flimkien ma' *curriculum vitae* dettaljat li juri l-kwalifiki u l-esperjenza ta' xogħol, kif ukoll kopji ta' ċertifikati u dokumenti oħra għandhom jintbagħtu lill-aġent Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta CMR 02 (attenzjoni tas-Sur J.M. Gatt, Direttur Servizzi Korporattivi). Ċertifikati u dokumenti oħra originali għandhom jintwerew waqt l-intervista.

8. Persuni li jinħatru fil-post ta' Statistiku jistgħu jkunu meħtieġa jsegwu studju u/jew taħriġ f'Malta jew barra minn Malta. Min jintbgħat barra minn Malta jkun marbut bir-regoli u regolamenti ta' l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) be in possession of an Honours degree in Statistics, Economics, Mathematics, Sociology, Accountancy, Banking or Finance with Second Class Lower classification as a minimum.

d) Be of good moral character. A recent Police certificate of conduct or of another competent Authority issued not earlier than six (6) months from the date of this call should be presented. Employees serving in the Public Service of Malta may also apply but they must resign their position if chosen for the post of Statistician.

e) Supply proof of their competence in computer use.

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the acting Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta CMR 02 and copied to the NCPD, by the closing date.

7. Handwritten applications together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and work experience, together with copies of certificates and testimonials should be sent to the acting Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta CMR 02 (attention: Mr J.M. Gatt, Director Corporate Services). Original certificates and testimonials should be produced for verification during the interview.

8. Persons appointed to the post of Statistician may be required to follow courses of study and/or training locally or abroad. Appointees proceeding abroad will be bound by the rules and regulations of the Malta Statistics Authority.

9. L-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn Bord ta' Għażla sabiex jiġi stabbilit kemm ikunu adatti għal dan il-post.

10. L-applikanti magħżula ikunu iridu joqogħ\du għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li jkunu adatti għal dan il-post.

11. Applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mill-aġent Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, Lascaris, Valletta CMR 02 sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta, 3 ta' April 2007.

12. Applikazzjonijiet li jiġu minn barra minn Malta permezz tal-posta, *fax* jew *e-mail* sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji rikjesti kollha. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal fl-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika huwa (+356) 2599 7103 u l-indirizz ta' l-*e-mail* huwa nso@gov.mt

13. Tingħata irċevuta minnufih mill-aġent Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika għal kull applikazzjoni li titwassal personalment.

14. Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jiġu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu mhux aktar tard mid-data tal-għeluq. Tintbagħat irċevuta mill-aġent Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika fi żmien sebat (7) ijiem.

It-13 ta' Marzu, 2007

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Accounts Clerks* fit-Taqsima tal-Finanzi fil-Kunsill Malti għall-Isport

Permess ta' l-ETC Nru. 207/2006

Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt definit ta' tliet snin bħala *Accounts Clerk* fit-Taqsima tal-Finanzi. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Accounts Clerk* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha tterminat.

2. Is-salarju gross annwali għall-pożizzjoni ta' *Accounts Clerk* jibda minn Lm3,900 (€9,084.56), u jitla' sa Lm4,100 (€9,550.43) fit-tielet sena.

3. Id-dmirijiet ta' *Accounts Clerk* fit-Taqsima tal-Finanzi jinkludu:

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to establish whether they are suitable for this post.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain their fitness for the post.

11. Applications will be received in the first instance by the acting Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta CMR 02 by not later than noon of Tuesday 3 April 2007.

12. Applications received from abroad by post, fax or e-mail by the closing date may be considered, provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the National Statistics Office by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The National Statistics Office fax number is (+356) 2599 7103 and e-mail address nso@gov.mt

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the acting Director General, National Statistics Office and a receipt will be given at the time of delivery.

14. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the acting Director General, National Statistics Office within seven (7) days.

13th March, 2007

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Engagement on Contract in the Position of Accounts Clerks in the Finance Section within the Kunsill Malti għall-Isport

ETC Permit No. 207/2006

1. The selected candidate will enter into a definite three year contract as Accounts Clerk in the Finance Section. Unsatisfactory performance as Accounts Clerk during the contract period will lead to termination of contract.

2. The Gross Annual salary attached to the position of Accounts Clerk starts at Lm3,900 (€9,084.56), rising to Lm4,100 (€9,550.43) in the third year.

3. The duties of an Accounts Clerk in the Finance Section include:

(a) tissostitwixxi l-uffiċjal inkarigat mill-pagi inkluż rapporti;

